VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,912, 8 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 137 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Istatut biex jemenda l-Istatut għall-Istitut Edward de Bono għat-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), u 77(c) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ bħala l-Istatut biex jemenda l-Istatut għall-Istitut Edward de Bono għat-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Istatut għall-Istitut Edward de Bono għat-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb, ppubblikat bħala Avviż Legali 17 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-istatut għandu japplika mit-8 ta' April 2011 'il quddiem.

L-Emenda għall-artikolu 4 tal-istatut prinċipali

3. Minflok l-artikolu 4 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. Il-membri kollha tal-Bord, għajr dawk li huma maħtura *ex officio*, iż-żewġ rappreżentanti tal-istaff akkademiku u ż-żewġ rappreżentanti tal-istudenti, jinħatru għal perijodu ta' sena, li jista' jiġi mġedded sa erba' snin. Membru li jirtira hu eliġibbli li jerġa' jinħatar."

L-Emenda għall-paragrafu (a) tal-artikolu 6 tal-istatut prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (a) tal-artikolu 6 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6 (a) id-Direttur tal-Istitut jinħatar skont il-proċedura għall-ħatra tad-Diretturi tal-Istituti u Ċentri kif approvata mill-Kunsill tal-Universita', għal perijodu ta' sena, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded kull sena skont kriterji stabiliti ta' ħiliet, il-ħtiġijiet tal-Istitut u tal-Università, għal perijodu li ma jeċċedix l-erba' (4) snin; u".